**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 845/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Lee Grech**

**<u>Illum,10 ta' Settembru,2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Lee Grech** detenur tal-karta tal-identita Maltija **423889M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-21 ta' Jannar 2023 bejn is-19:00hrs u d-21:00hrs fi Triq l-Antinni, Mosta:

1.Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tistkorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (2,500), iżda iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (250) u dan għad-dannu ta' Norman Galea.
2. U iktar talli fl-istess jiem u ċirkustanzi ġab ruħhu b' mod li ta fastidju lil Norman Galea, meta kien jaf jew messu kien jaf li dan l-aġir kien ta' fastidju għall-imsemmija persuna.

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' Mejju,2024, sabet lill-esponenti ħati tal-akkuzi miġjuba fil-konfront tiegħu u (1) fir-rigward tal-ewwel akkuza ikkundannat lill-imputat Lee Grech għal tmien xhur priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jiġu sospizi għal żmien sentejn mil-lum u (2) fir-rigward tat-tieni akkuza ikkundannat lill-imputat Lee Grech għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' sitt elef Ewro (Ewro 6,000) li tista' titħallas f'rati mensili, konsekuttivi u mhux interrotti ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar altriment konvertibbli fi prigunerija skond il-ligi.

Il-Qorti ordnat wkoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Pagament fil-konfront tal-imputat Lee Grech u favur il-vittma Norman Galea ai termini tal- Artiklu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnatlu li jħallas lill-vittma Norman Galea s-somma komplessiva ta' elf u erba' mija u disgħa u għoxrin Ewro u ħamsa u sebgħin ċentezmu (€1,429.75) fi żmien xahar mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Lee Grech preżentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-17 ta' Gunju,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

i) Tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija nhar l-24 ta' Mejju 2024 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-proċeduri fl-ismijiet fuq premessi fejn sabet lill-esponenti ħati tal-imputazzjonijiet addebitati lilu u konsegwentement tilliberaħ minn kull imputazzjoni u piena, fejn b'hekk tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu; jew
ii) Fl-eventwalita li l-ewwel talba ma tiġix milqugħa, tvarja u tirriforma s-sentenza mogħtija nhar l-24 ta' Mejju 2024 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-proċeduri fl-ismijiet fuq premessi billi, filwaqt li tikkonferma dik il-parti taghħa fejn sabet lill-esponenti ħati, tvarja u tirriforma l-stess sentenza f'dik il-parti tagħha li tirrigwarda l-piena inflitta u tirriduċi l-istess piena għal waħda aktar meritata u ġusta fiċ-ċirkostanzi.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

1. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti u dan billi l-ewwel Onorabbli Qorti bbazata il-konkluzjonijiet tagħha solament fuq assunzjonijiet ta' Norman Galea f'din il-kawza. Illi huwa minnu illi skond ġurisprudenza, xhud wieħed jekk emmnut huwa biżżejjed, izda huwa neċessarju li dak li jgħid tali xhud jersaq viċin u jilħaq il-livell tal-prova ta' mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni hekk kif obbligat fil-liġi.

a) Illi in linea preliminari, mix-xhieda ta' Norman Galea, l-istess Norman Galea mill-ewwel jgħid illi l-allegat aggressur qalleb l-mutur diversi drabi, "*b'kollox sebgħa darbiet nsibu maqlub. Wara t-tiel, wara l-ħames (5) darba waħħalt camera mal-gallarija u waħħalt sticker ukoll u nara lis-Sinjur jeqlibli l-mutur u jidħol fil-bieb ta' ħdejja.*" Irid jiġi nnutat illi filmat wieħed biss nġieb quddiem il-Qorti, skond ix-xhieda hawn deskritta, Galea setgħa tagħna l-filmat tas-sitt u tas-sebgħa darba, izda hawnhekk, b'mod konvenjenti, solament nġabet filmat ta' darba biss;

b) Illi mix-xhieda tal-istess Norman Galea, jgħid illi l-mutur kien qiegħed isibu maqlub, u, mingħajr preġudizzju għal dak li ser jiġi sottomess aktar l-isfel, mill-filmat jidher b'mod ċar illi l-persuna li kienet taqleb dan il-mutur ma' kinitx twaqqgħu bis-saħħa izda kienet tpoġġieh bil-mod mal-art. B'hekk, bir-rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, huwa ferm diffiċli sabiex wieħed jifhem kif dawn il-ħsarat kollha allegat ġew minn persuna li kienet sempliċiment qed tpoġġi l-mutur mal-art b'mod kawt għall-aħħar. Illi di piu, ix-xhieda ta' Norman Galea, u l-ħsarat allegati minnu fix-xhieda, ma' jaqblux mal-lista tal-quotation ppreżentat fl-atti;

c) Illi Norman Galea jassumi illi l-agressur huwa Lee Grech sempliċiment għax "*narah dieħel il-bieb ta' ħdejja*". Huwa l-istess *parte civile* izda, li fix-xhieda tiegħu jammetti li l-bieb ta' ħdejh huma blokok ta' appartamenti, jgħid ukoll illi hemm żewġ entraturi, u għalkemm jallega illi jista' jagħmel distinzjoni ta' fejn l-allegat

aggressur daħal, fil-filmat ma jidhru ebda entraturi, u b'hekk din hija sempliċiment presunzjoni tiegħu illi l-aggressur allegatament daħal fl-entratura ta' Lee Grech. B'hekk l-ewwel Qorti, abbażi ta' dan li qed jingħad minn Norman Galea, ma tistax tasal sal-konvinzjoni morali li l-aggressur huwa di fatti Lee Grech, u dan stante l-fatt li l-livell tal-prova mistħoqqha ma ntlaħaqx;

d) Illi tul ix-xhieda tiegħu Norman Galea fl-ebda punt, u b'mod konkret jgħidilna karatteristika waħda li biha jista' b'mod ċar, u mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni jidentifika lis-Sur Lee Grech bħala l-agressur. Nonostante l-fatt illi Galea jagħmel emfasi li qed jagħraf s-Sur Lee Grech mill-kelb, il-fatt jibqa li identifikazzjoni ċara ta' min kien hemm wara l-'*hoody*' ma jista' qatt jingħad;

2. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u dan billi l-ewwel Onorabbli Qorti bbazata il-konkluzjonijiet tagħha fuq filmat u *quotation* li qatt ma' ġew kkonfermati taħt ġurament mingħand min għamilhom, l-metodu li ntuża sabiex jiġbru tali dokumenti, flimkien mac-'*Chain of Custody*' ta' kif ġew finalment ppreżentati quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma ġew kkonfermati.

a) Illi primarjament, hekk kif stabbilit mill-ġurisprudenza u mill-liġi, l-provi li jinġiebu quddiem dina l-Onorabbli Qorti, għandha tkun l-aqwa prova (*Best Evidence Rule*), fejn b'hekk bir-rispett, il-Qorti qatt ma tista tistrieħ fuq provi li jinġiebu quddiemha li mhumiex l-aqwa prova meta l-aqwa prova teżisti. Bl-istess mod dina l-Onorabbli Qorti ma' tistax tistrieħ fuq provi li mhumiex awtentiċi, u/jew li ma' ġewx awtentikati quddiem l-istess Onorabbli Qorti, permess ta' ġurament tal-persuna li tkun għamlet tali dokumenti.

*"Illi huwa umilment sottomess li skond il-liġi proċedurali nostrana, kull qorti, u partikularment Qorti ta' ġudikatura kriminali, għandha fil-każijiet kollha tordna*

*li ssirilha l-aħjar prova li tista' ġġib parti. Tali regola toħroġ mill-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu hu applikabbli għall-proċeduri kriminali bis-saħħa tal-artikolu 520(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;"*[1]

b) Illi rigwardanti DOK DV2, l-allegat quotation, u DOK DV3, kopja tal-irċevuta, primarjament tali dokumenti ma' ġewx kkonfermati bil-ġurament minn min għamilhom, ossia allegatament mingħand Anthony Borg għal DOK DV2 u Clint Vincent Zahra għal DOK DV 3. Illi di piu, d-dokumenti oriġinali, ossia Quotation iffirmata minn Anthony Borg, u l-ircevuti oriġinali li Clint Vincent Zahra ta' lil Norman Galea ma' ġewx ppreżentati fl-atti, lanqas ma' ġew murija l-oriġinali seduta stante fl-awla meta l-kawza kienet qed tinstemgħa, u b'hekk l-veraċita u l-awtentiċita o meno tagħhom ma' ġewx kkonfermati bil-ġurament. Illi rigwardanti l-allegat quotation, bir-rispett lejn l-ewwel Onorabbli Qorti, mingħajr firma, mingħajr '*letterhead*' u mingħajr konferma ġuramentata ta' min allegatament għamel din il-*quotation*, ifisser li tali quotation hija semplicement word document redatta min kwalunkwe persuna. B'hekk fin-nuqqas ta' veraċità u awtentiċita l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setgħat tistrieħ fuq tali provi sabiex tinstgħab ħtija fis-Sur Lee Grech, izda fl-umli fehma tad-difiza, l-ewwel Onorabbli Qorti kellha l-obbligu li ma' tippermettix li tali evidenza tidħol fl-atti tal-kaz stante l-fatt li mhiex l-aħjar prova u dan skond Artikolu 560(1) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu hu applikabbli għall-proċeduri kriminali bis-saħħa tal-artikolu 520(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) Illi rigwardanti s-CCTV (filmat) li jinsab fl-atti mmarkat bħala DOK DV1, fl-atti ma jirriżultax b'mod ċar is-sekwenza ta' kif tali filmat mis-CCTV wasal l-Qorti.

[1] Qorti Kriminali (Appell Inferjuri), Onor. Imħallef. Consuelo Scerri Herrera, P vs Abela Emanuel 469/2016 (30 ta' Mejju 2019)

Fejn tali CCTV kien qiegħed jinżamm, min kien qiegħed iżommu, min u kif pprezerva tali CCTV, u kif eventwalment tali CCTV ġie ppreżentat quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Tali CCTV mhux talli ma' ġiex ppreżentat minn min allegatament pprezervah, ossia Norman Galea, imma meta l-istess Norman Galea xehed taħt ġurament fl-ebda punt ma' kkonferma s-sekwenza tal-kustodja tal-filmat, qatt ma' nfurmana kif tali CCTV kien qiegħed jinżamm, jekk hu kien qiegħed iżommu, jekk hu kien l-unika persuna li kellu aċċess o meno sabiex jaċċessa tali CCTV, u jekk hu kien il-persuna li pprezerva tali CCTV, fejn naqas ukoll jikkonferma li kien hu stess li ta tali CCTV lil Pulizija, li eventwalment ġie ppreżentat s-CCTV mill-Ispettur Diane Vella, li konsegwentament kien mmarkat bħala DOK DV1. B'hekk fin-nuqqas ta' konferma bil-ġurmament tal-awtentiċita ta' tali CCTV (filmat) l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setgħat tistrieħ fuq tali provi sabiex tinstgħab ħtija fis-Sur Lee Grech, izda fl-umli fehma tad-difiza, l-ewwel Onorabbli Qorti kellha l-obbligu li tiskarta tali evidenza bħala inammissibli in vista tan-nuqqas ta' prova ta' awtentiċita;

d) Illi di piu, jrid jiġi nnotat ukoll illi s-Sur Norman Galea naqas milli jiftakar id-data, ix-xahar u l-ħin tal-allegat incident, li huma rekwiżiti probatorji sabiex tinstab ħtija hekk kif stabbilit minn ġurisprudenza;

3. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti straħet fuq fatti li qatt ma setgħu jiġi ammessi fil-procedura quddiemha u dan stante l-fatt li tali fatti msemmija kienu jinkwadraw konversazzjoni informali ġewwa l-għassa, qabel ma' ngħataw d-drittijiet lis-Sur Lee Grech, u mingħajr ma' ttieħed is-solitu stqarrija tal-Pulizija mis-Sur Lee Grech.

a) Illi fil-kamp penali l-avukat qatt ma jista' u qatt m'għandu jkun kkunsidrat bħala l-mandatarju tal-klijent. Irid jingħad illi fl-ebda punt ma' kien hemm dikjarazzjoni ta' ħtija, izda tali stima ntalbet ai fini tad-dritt tad-'*Disclosure*', li huwa dritt fundamentali li d-difiza għandha. Il-Pulizija għandhom l-obbligu li

jinfurmaw lill-allegat akkużat bl-evidenza kollha li hija għandha kontra l-istess akkużat u dan in linea mal-fatt li d-difiza għandha d-dritt tipprepara d-difiza tagħha;

b) Illi nonostante dan, l-allegat konversazzjonijiet informali li jintqalu fl-għasses tal-Pulizija, mingħajr ma' wieħed ikun fl-ambitu tal-istqarrija tal-akkuzat, huma konversazzjonijiet strettament mingħajr preġudizzju u qatt ma jistgħu jintużaw kontra l-akkuzat fil-kamp penali bħala prova u dan stante l-fatt li din tkun informazzjoni li tkun a konnissjoni tal-Pulizija qabel ma' jkun ngħata d-dritt li jibqa' sieket;

c) Illi fl-għassa qatt ma ttieħdet stqarrija, u qatt ma ngħataw d-drittijiet lis-Sur Lee Grech. Is-Sur Lee Grech ġie mgħajjat mill-Pulizija sabiex jinżel l-għassa permess ta' telefonata fejn wara tali telefonata l-istess Grech niżel l-għassa mal-avukat tal-fiduċja tiegħu, fejn qatt tul il-kors fejn l-istess kienu l-għassa ma ngħataw d-drittijiet lis-Sur Lee Grech;

d) Illi di piu, u nonostante l-fatt li l-avukat difensur qegħda tiċħad b'mod kategoriku għall-aħħar dak li ntqal b'mod inġust mill-Pulizija fil-konfront tal-istess, huwa solament dak li jingħad mill-akkuzat wara li jingħatulu d-drittijiet tiegħu, li jista jinġieb bħala prova kontrih. B'hekk l-ewwel Onorabbli Qorti, fin-nuqqas ta' għotja tad-drittijiet lill-imputat, qatt ma' setgħat tistrieħ fuq il-fatti hekk kif ntqalu mill-Pulizija PC1002 Annabelle Cauchi, u dan stante l-fatt li dak li jingħad qabel ma jingħataw d-drittijiet lill-akkuzat qatt ma' jistgħu jintużaw bħala prova kontra tiegħu;

4. Illi mingħajr preġudizzju għal-aggravji susesposti, u f'kaz illi tali aggravji ma' jiġux milqugħa, l-ewwel Onorabbli Qorti imponiet piena li hija eċċessiva fiċ-ċirkostanzi.

a) Illi huwa neċessarju li dina l-Onorabbli Qorti tkun mgħarrfa li l-kwerelant qiegħed jallega li l-esponenti poġġielu l-mutur mindud mal-art, u tali azzjoni allegatament kkawzatlu ħsarat estensivi ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300), fejn saħansitra l-kwerelant waqt ix-xhieda tiegħu jammetti illi ħsarat minnhom kienu fit-*trottle* li jgħati l-gass. Jidher b'mod ċar illi kien min kien li għamel il-mutur mindud mal-art, għamlu bil-mod, u mhux b'tali saħħa li jkisser it-*trottle.* Jidher b'hekk illi l-kwerelant qed jipprova jiġbor ħsarat li diġà kellu fil-mutur minn fuq dahar l-esponenti;

b) Illi di piu, stante l-fatt illi fl-atti hemm solament filmat wieħed, ma hemm ebda prova dwar l-allegat drabi oħrajn li tali inċident seħħ, fejn b'hekk hemm solament prova ta' inċident wieħed li allegatament seħħ u b'hekk qatt ma jista' jinstgħab ħati ta' żewġ inċidenti;

c) Illi rigwardanti l-akkużi hekk kif dedotti fil-konfront tal-akkuzat Lee Grech, u mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti sottomessi, tali piena nflitta tista tiġi kkunsidrata bħala eċċessiva fiċ-ċirkostanzi, speċjalment in vista tal-fatt illi, f'kaz ta' konferma ta' ħtija, l-imputat għandu fedina penali netta, qatt ma' xellef difrejh mal-ġustizzja u b'hekk dawn il-fatti definittivament għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni fir-rigward tal-piena.

Rat in-nota ta' referenzi tal-Avukat Generali prezentata fir-registru ta' din -Onorabbli qorti nhar l-4 ta' Settembru 2024.

Semghet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tal-5 ta' Settembru, 2024.

**<u>Ikkunsidrat</u>**,

Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant isostni li l-ewwel Qorti m'ghamlix apprezzament tajjeb tal-fatti u dan billi l-ewwel Onorabbli Qorti bbazat il-konkluzjonijiet tagħha solament fuq assunzjonijiet ta' Norman Galea f'din il-kawza.

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[2] intqal: -

> *kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess*

---

[2] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; IlPulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; IlPulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk ilverdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

> *biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghallkonkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[3]

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-

[3] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża

appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imressqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imressqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

L-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-**artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali** jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[5]

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika a' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[5] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar

**Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss**[6].

Fis-sentenza fl-ismijiet l**-Pulizija vs. Abderrah Berrad et**[7] gie raffermat li: -

> *Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'.*

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:** [8]

> *mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux.*

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati

ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004

[6] Enfasi ta din il-Qorti

[7] Per Onor. Magistrat Consuelo Scerri Herrera; Deċiża 19.05.2014; Il-Pulizija vs Abdellah Berrad, Youness Berrad

[8] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali ma teħtieġx li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,6 li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Fil-każ **Ingliż Majid**,[9] Lord Moses stqarr hekk :

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence, Adrian Keane u Paul McKeown**[10] jgħidu s-segwenti : -

> *In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u

[9] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[10] Ibid

b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> *Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **<u>Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino</u>** deċiża mill-Qorti Kriminali

bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> *Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".*

In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Vincent Calleja</u>** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "*unsafe and unsatisfactory*" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi din il-Qorti ghalhekk fi vesti taghha ta' Qorti ta' revisjoni ghandha tesamina l-atti tal-process sabiex tesamina l-provi imresqa mill-partijiet biex b'hekk tkun f'posizzjoni

tasal ghal gudizzju taghha u tara jekk in effetti l-gudizzju milqugh mill-ewwel qorti kienx wiehed '*safe and satiactory*'.

Rat l-affidavit ta' **PC 452 Robert Mercieca** esebit fl-atti a fol. 7 tal-process fejn gie spejgat is-segwenti. Spjega li l-Hadd 22 ta' Jannar, 2023 ghal habta ta' 15.00 p.m mar jghamel rapport l-ghassa tal-pulizija tal-Mosta certu Norman Galea sid ta' mutur tal-ghamla Honda bin-numru ta' registrazzjoni ECD 095 ta' kulur iswed li sab l-istess mutur maqlub fi Triq Antinni Mosta. Qal li l-incident inqala' l-gurnata ta' qabel fil-21 ta' Jannar, 2023 fit-8.00 p.m  Bhala hsara jghid li kien hemm Sid Panel, visor u *running board*. Meta staqsa li Galea jekk kellux xi suspett f'min setgha ikkagunalu l-hsara  qal li kienet persuna li toqghod ma genbu ghalkemm ma kienx jaf min hu. Galea wera l-filmat li kellu fuq ic- CCTV tieghu fuq il-mobile tieghu fejn deher persuna taqleb l-imsemmi mutur u dan fi granet differenti. Galea stqar li ma hemm xejn li jindika dwar dak li qal.

**PC 1002 Annabelle Cauchi** xehdet ukoll permezz ta' affidavit esebit fl-atti tal-process a fol. 8. Din spjegat li nhar it-23 ta' Jannar, 2023 ghal habta ta' 18.30 p.m Norman Galea kien irraporta l-ghassa li l-gar tieghu kien waqqghalu l-mutur tieghu u huwa jidhol fir-residenza ta' ma genbu. Dak in-nhar kien bil-kelb tieghu Rotweiller. Qal ukoll li qabel ma ghamel dan ir-rapport kien gja irrangja l-mutur tieghu f'zewg okkazzjonijiet u darba minnhom nefaq is-somma ta' €800. Gie rapportat lilha li l-persuna li kkagunat il-hsara fil-mutur tieghu kienet tghamel uzu mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBR 059 u rrizulta li din il-vettura hija registrata f'isem lee Grech. Norman Galea baghat permezz ta email stima tal hsarat li tmmonta ghal €1294.35 u ohra fl-ammont ta' €198.

Aktar tard irraporta l-ghassa tal-Mosta certu Lee Grech fejn gie muri zewg filmati li kienu intbaghtu lilu mill-kwerelanti fejn wara gie moghti d-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-ghazla tieghu ghazel li jiehu dan id-dritt u ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda li gie mistoqsi.

Nhar is-26 ta' Jannar, 2023 Lee Grech irraporta l-ghassa tal-pulizija tal-Mosta flimkien mal-avukata tieghu Dr Veronica Spiteri fejn Dr Spiteri xtaqet li tara il-filmat tac-CCTV li intbaghat mill-kwerelanti u dan gie muri lilha. Dr Spiteri stqarret li fuq il-filmat

hemm persuna tnizzel il-mutur bil-mod fejn zgur m'ghandux dan l-ammont ta' hsara imnizzel fuq l-istima u li Lee kien lest li ihallas €500 biss minkejja li ma kienitx qed tammetti li Lee kien il-persuna li kkaguna l-hsara reklamata. Qalet ukoll li una volta hargu l-akkuzi Lee ma kien ser ihallas xejn.

Rat li l-prosekuzzjoni esebiet CD li gie markat bhala dok DV1, stima tal-hsarat markata bhala dok DVD 2 u ricevuta markata bhala dok DV3.

Il-Qorti esaminat d CD markat bhala dok DV1 esebit fl-atti u jidher li hemm zewg filmati datati 21 ta' Jannar, 2023 u 22 ta' Jannar, 2023. Fiz-zewg filmati jidher ragel iwaqqa'mutur mal-art volontarjament u jidhol f'korp bini. F'wiehed minn dawn il-filmati huwa akkompanjat minn kelb. Il-hsarat fu qil-mutur ma kienux visibbli u lanqas ma setgha jigi stabilit n-numru ta' registrazzjoni tal-mutur. Din il-Qorti ma kienitx f'posizzjoni li tiddentifika l-persuna tal-appellant fil-filmat. Esaminat ukoll l-istima esebita f;atti a fol. 62 liema stima saret fuq *word document* u ma hiex datata, ma hiex firmata u lanqas ma giet kkonfermata fl-atti mill-persuna li allegatament harigha. Hemm biss elenku tal-allegat hsarat fil-vettura Honda Forze 125 numru ta' regitrazzjoi ECD 095. Pero min esamina din il-vettura sabiex gie stabilit l-allegat hsara fl-atti ma jirizultax.

Esaminat ukoll id-dokumetn DV3 li hija mahruga minn S Clint motorcycle repairs nhar is-6 ta' Jannar, 2023 fejn hemm indikat zewwg ammonti b'tota ta 198.40 li jinkludu t-tiswija 'repair'.

Rat ix-xhieda tal-parte civile **Norman Galea** moghtija nhar l-1 ta' Marzu, 2023. Jghid li l-ewwel darba li sab il-mutur tieghu imwaqqa' ma l-art kien meta cemplulu mill-ghassa tal-pulizija u qalulu li kellu l-mutur imwaqqa' u sabeix imur jigbru. Dakinhar ma kienx raqad d-dar u l-pulizija qalulu li l-mutur seta waqa' bil-maltemp. Filghodu mar u beda jiddubita li l-mutur kien waqa' kagun tal-maltemp. Imaghad rega sabu imwaqqa' okkazjoi ohra. Jghi li b'kollox sabu imwaqqa' xi seba' darbiet. Wara li kien sabu imwaqqa' l-hames darba kien wehhel camera CCTV mal-gallerija u wahhal sticker ukoll u ra lill-appellant jaqliblu l-mutur u jidhol fil-bieb ta hdejh. Ghalhek mar jghamel ir-rapport u qallhom biex ma jkelluhx ghal issa u dan ghaliex hseb li kien ser jerga iwaqqghu l-ghada. Fil-fatt hekk kien gara u ghandu il-filmat ta' dawn ix-xewg l-

ahhar incidenti. Mistoqsijekk jgharafx ilpersuna li waqqatlu l-mutur jghid li jgharafha bhala l-appellant. Qal li kien ha quotation l-ghassa u wara sar jaf li l-appellant ma riedx ihallas  u l-pulizija qalulu li kienu ser jispiccaw il-qorti. Huwa gharaf l-istima esebita fl-atti u markta bhala dok DV3. Gharaf ukoll dok DV3 mahruga minn S Clive Motorcycle repairs. Bhala danni jghid li sofra al-ammont ta' €1300 cirka skond dak indikat fid dok DV2. Ikkonferma ukoll id dok DV3 mahruga minghan Clint. Qal li l-hsara giet kagunata f'sebgha okkazjonijiet izda filmat ghand uta' l-ahahr zewg okkazzjonijeit wara li wehhel il-Camera. Mistoqsi jghid kif gharaf li huwa l-appellant li ikkagunalu la jghid li gharfu ghaliex rah diehel gewwa daru u kien ukoll bil-kelb tieghu. Jghid l-kelb li huwa rottweiller jarrah mill-gallerija meta jkun qed joxor. Dan ikun fil-bitha tal-appellant. Jghid li anke barra bih jarrah. Meta rah diehel gewwa daru jghid li rah diehel bil-bieb tal-maisonette tieghu u mhux fil-bieb tal-komun tal-flattijiet.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi f'din il—Qorti hija rinfacjata biss bix-xhieda tal-prosekuzzjoni li ma gietx kontradetta minn ebda xhud iehor. Dan hu kaz fejn l-prosekuzzjoni ressqet lill-kwerelant jixhed fuq dak li ghadda minnu u resqet ukoll lill--pulizija li hadu ir-rapport tal-kwerelant. Ghalhekk huwa xhud wahdieni li ghandha il-qorti dwar dak li sehh ghaliex il-pulizija xehdu biss fuq dak li gie rapportat lilhom. Jinghad pero l-kwerelant huwa konsistenti f'dak li qal lill-pulizija meta ittihdet l-okkorenza kif rapportat mill-pulizija f'dawn l-atti u f'dak li qal hu stess viva voce il-Qorti quddiem l-appellant. L-appellant jghid li kien sab il-mutur imwaqqa' sebgha darbiet pero kellu biss filmat ta' zewg okkazzjonijiet kif murija fic-CD esebit minnu. Minkejja li l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu kif ukoll fit-trattazzjoni orali li saret jghid li kien hemm registrta okkazzjoni wahda. L-appellant jallega li l-kwerelanti ma setax jiddentifika lill-appellant ghaliex kien id-dlam u l-filmat ma hux car. Pero l-kwerelant jiddentifika lill-appellant kemm mill-vizwali tieghu tal-filmt meta jarrah diehel fil-bieb tal-maisonette tieghu kif ukoll mill-fatt li rah fil-presenza tal-kelb tieghu tar-razza Rottweiller u jara dan il-kelb fil-bitha tal-appellant meta jkun fil-gallerija tieghu jonxor. L-appellant

ghazel li ma jixhidx kif ghandu kul dritt li jghamel pero fl-ebda hin ma cahad dak li allega l-kwerelant fil-konfront tieghu. Strah biss fuq il-provi tal-prosekuzzjoni li fil-fehma tieghu kienu fjakki. Il-qorti tfakkar lill-appellant dwar dak li intqal aktar il-fuq li l-qorti tista tistrieh fuq i-xxhieda ta' persuna wahda jekk hija tasal li temmen il-versjoni tieghu. Ghakhekk din il-qorti hija konvinta li fiz-zewg okkazzjonijeit murija fic CD kien l-appelalnt li waqqa l-mutur ma l-art ghalkemm kif stqarret id-difiza dan ghamlu bil-mod u ghalhekk issibha difficli temmen li l-hsrat jammontaw ghall-ammont muri fid-dokument DV2.

Dwar id-DV2 din il-qorti tissolleva kif tajjeb stqarret id-difiza li d-dokument huwa wiehed general fuq word document. M'ghandu l-ebda data u ma ghandu l-ebda firma fuqu. Il-prosekuzzjoni ma resqet lill-ebda xhud tikkonferma dan id-dokument u/jew tiddentifika l-hsarat li kien hemm u jekk fil-fatt issewwewx. Il-qorti hija sajma minn tali prvi dwar il-quantum tal-allegati hsarat u ma thosshiex Komoda tistrieh fuq dokument bhal dan. Jigi imfakkar dak li intqal fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta kontra Anthony Cacciattolo [11]** fejn gie kkunsidrat li: -

> '*L-ammissibbilita' o meno ta' prova dokumentarja u l-valur probatorju li prova dokumentarju jista' jkollha huma zewg koncetti totalment distinti, u wiehed irid joqghod attent biex ma jikkonfondix il-wiehed ma' l-iehor. Dokument ta' awtenticita' indubbja infatti, jista ma jkunx ammissibbli taht certi fattispecji, u minn naha l-ohra, dokument legalment amissibbli jista' ma jkollu l-ebda siwi bhala prova ghax tkun tonqos il-prova ta' l-awtenticita' tieghu.*'

F'dan il-kaz id-dokument DV2 huwa dokumenti ammissibli pero ma ghandu l-ebda valur probabtorju peress li huwa nieqes minn data, nieqes minn firma u qatt ma gie konfermt mill-persuna li hargitu. Din il-Qorti ma hiex qed tghid li kull dokument

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Ottubru, 1986 (Att ta' Akkuza Numru: 41/81)

ghandu jkun konfermat mill-awtur tieghu pero f'dan il-kaz stante li huwa Word generated document il-prosekuzzjoni kellha tilhaq livel ghola sabiex dak id-dokument jkollu valur probabtorju. In oltre lanqas ma giet esebita l-ircevuta dwar il-hsara li l-kwerelant qal li hallas biex irranga l-mutur wara li gie imwaqqa'.

Ghalhekk kuntrarjament ghal dak li ddecidiet l-ewwel Qorti din il-Qorti ma tistax issibu hati li l-appellant ikkaguna hsarat volontarja fuq il-mutur ghaliex il-quantum ma giex provat f'din l-awla tal-provi.

Fit-tieni lok l-appellant gie akkuzat talli ta fastidju lill-kwerelant billi waqqa' l--mutur tieghu f'iktar minn okkazzoni wahda. L-ewwel Qorti issostni l-fastidju sehh meta l-kwrelant kellu jixtri camera beix jilqa ghall-agir kriminuz tal-appellant meta kien qed iwaqqa l-mutur tal-kwerelant u dan minghajr ebda raguni izda biss biex jivvessah. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada:**[12]

> *"Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat.*

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:

> *"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li*

[12] Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Btala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Edwina Grima, [02.05.2013]

*persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.*

*Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-*

*"Words, conduct or action (usu. <u>Repeated or persistent</u>) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes **<u>substantial emotional distress</u>** [13]in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-*

*"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."

Illi mhux kull komportament jista' jagħti lok għall-fastidju. L-ewwel u qabel kollox il-fastidju jimplika sensazzjoni ta' dwejjaq, ta' skomfort tali li jikkawża fis-suġġett passiv tar-reat sensazzjoni ta' negattivita'. Il-Liġi Maltija, bħal dik Ingliża, ma tiddefinix x'jammonta għal fastidju. Iżda l-Artikolu 251Ċ tal-Kodiċi Kriminali - li jispjega x'jista'

[13] Enfasi a din l-Onorabbli Qorti

jinkludi fih il- 'fastidju' skont fl-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali jinkludi meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lis-suġġett passiv tar-reat.

Biss tali 'fastidju' jrid jiġi pruvat b'sikurezza li ma jkunx seħħ biss f'okkażjoni ta' darba, iżda jkun irid jippersisti fuq aktar minn okkażjoni waħda, b'mod li l-imġieba tas-suġġett attiv tkun tista' tiġi meqjusa li tkun żviluppat f'course of conduct. Ir-retroxena ta' kull inċident għalhekk jieħu rwol ċentrali fid-determinazzjoni ta' jekk u safejn dan il-course of conduct kienx jeżisti jew le fil-każ partikolari.

Issa fil-kaz in desamina jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li bl-agir tal-appellant li iwaqqa' ta xejn b'xejn il-mutur tal-appellant u dan f'okkazzjoni iktar minn darba li tali agir hwua wiehed ta fastidju u ghandu jigi kundannat u ghalhekk din il-qorti bhall-ewwel qorti qed issibu hati ta' dan it-tieni reat.

Dwar l-piena moghtija l-appellant ukoll intavola aggravju u dan ghaliex sostna li l-piena moghtija kient wahda eccessiva. Jinghad li ghalkemm '*...il-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti (f'an il-Każ Qorti tal-Appell Superjuri) mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat.*' (**Repubblika versus Owen Bonnici** tad-19 ta' Mejju 2011). Hawn l-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) irreferiet għal sentenzi oħrajn: '**Il-Pulizija versus Carmelo Ebejer** tal-4 ta' Novembru, 2009; **Il-Pulizija versus Nikola Farrugia** tat-2 t'Ottubru 2002; **Il-Pulizija versus Maurizio Massimiliano** 13 ta' Novembru 2003; **Repubblika versus David Vella** 14 ta' Ġunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta versus Eleno sive Lino Bezzina** tal-24 t'April, 2003.

Illi pero peress li din il-Qorti kuntrarjmanet ghall-ewwel Qorti ma hiex qed issib lill-appellant hati tal-ewwel akkuza trid allura tordna temperament fil-piena. Il-Qorti rat dak li jistipula l-artikolu 251A tal-Kap 9 dwar piena u cioe f'kaz ta' htija ghar-reat ta' fastidju l-piena hija dik ta' prigunerija ghal zmien minn sitt xhur sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn hamest elef euro (€5,000) u mhux izjed minn ghaxart elef euro (€10,000). Rat li l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ihallas multa ta' sitt elef euro

ghal din it-tieni akkuza, liema multa hija lejn il-minimu u ghalhekk tikkonferma tali piena hekk moghtija.

Konsegwentement din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-appellant **in parte** billi qed tirrevoka s-sentenza appellant fir-rigward tas-sejba ta' htija ta' l-ewwel akkuza u minflok tiddikjara li ma ssibx lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza u ghalhekk tilliberah minnha u ghalhekk konsegwentement qeda tirrevoka ukoll l-ordni moghtija mill-ewwel Qorti ai terminu tal-artikolu 15A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kkundannat lill-appellant ihallas l-ammont ta' €1429.75 lill-appellant fi zmien xahar.

Pero tikkonferma dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn sabitu hati tat-tieni akkuza u tikkundannah ihallas multa ta' sitt elef euro (€6,000) liema multa tista tigi mhallsa f'rati mensili u konsekuttivi ai termini tal-artikolu 14 (2) tal-Kap 9 fl-ammont ta' mija u hamsin euro (€150). Fin-nuqqas ta' pagament wiehed il-bilanc jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**